

Brussell, 11 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11749/23

COH 55
DELECT 96

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 4524 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 7.7.2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-definizzjoni ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa, rati fissi u finanzjament mhux marbut mal-kostijiet għar-rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 4524 final.

Mehmuż: C(2023) 4524 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.7.2023
C(2023) 4524 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 7.7.2023

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-definizzjoni ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa, rati fissi u finanzjament mhux marbut mal-kostijiet għar-rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Is-simplifikazzjoni hija prijorità għolja fuq l-aġenda tal-Kummissjoni u kellha l-appoġġ mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Dan ifisser li l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni ssir aktar sempliċi, aktar sikura u aktar orjentata lejn l-outputs u r-riżultati.

L-Artikoli 94(1) u 95(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni – “RDK”), jippermettu lill-Kummissjoni tirrimborża l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal programm ibbażat fuq il-kostijiet unitarji, is-somom f'daqqa u r-rati fissi, kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-kostijiet (FNLC, Financing not linked to costs), definit mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm, wieħed mill-emendi tagħha, jew minn att delegat. Dawn l-għażliet jestendu s-simplifikazzjoni tal-ġestjoni finanzjarja tal-fondi għar-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Meta mqabbla mal-għażliet tal-kostijiet issimplifikati stabbiliti fil-punti minn b) sa f) tal-Artikolu 53(1) tar-RDK, għandha wkoll il-benefiċċji addizzjonali li ġejjin:

- L-awditi u l-verifiki tal-ġestjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li għalihom in-nefqa tiġi rimborżata biss abbażi tal-Artikoli 94 u 95 tar-RDK għandu jkollhom l-għan esklużiv li jivverifikaw li l-kundizzjonijiet għar-rimborż mill-Kummissjoni stabbiliti fl-att delegat ikunu ġew issodisfati.
- F'konformità mal-Artikolu 94(3) u l-Artikolu 95(3) tal-RDK, il-prattiki kontabilistiċi użati mill-Istati Membri biex jirrimborżaw lill-benefiċjarji u l-ammonti li jirriżultaw mhumiex se jkunu soġġetti għall-awditu mill-awtorità tal-awditjar jew mill-Kummissjoni.

Għalhekk, l-użu tal-kostijiet unitarji, tas-somom f'daqqa, u tar-rati fissi skont l-Artikolu 94 u l-użu tal-ammonti għall-finanzjament fil-livell tal-Unjoni mhux marbut mal-kostijiet skont l-Artikolu 95 tal-RDK jipprovdu ċertezza tad-dritt lill-Istati Membri u lill-benefiċjarji. Barra minn hekk, dan inaqqas il-piż amministrattiv tal-operazzjonijiet tal-ġestjoni.

Għal dan l-għan, il-paragrafu 4 tal-Artikolu 94 tal-RDK jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li fil-livell tal-Unjoni jiddefinixxu l-kostijiet unitarji, is-somom f'daqqa, ir-rati fissi, l-ammonti tagħhom u l-metodi ta' aġġustament.

hBl-istess mod, il-paragrafu 4 tal-Artikolu 95 tal-RDK jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li jiddefinixxu ammonti għall-finanzjament fil-livell tal-Unjon mhux marbut mal-kostijiet, skont it-tip ta' operazzjoni, il-metodi għall-aġġustament tal-ammonti, il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati jew ir-riżultati li għandhom jinkisbu.

Dan ir-Regolament Delegat jistabbilixxi l-kostijiet unitarji u l-iskemi tal-FNLC għall-Istati Membri kollha tal-UE fl-Anness għall-operazzjonijiet taħt l-FSE+ fil-qasam

¹ ĠU L 231, 30.6.2021, p.159

- tal-operazzjonijiet tal-edukazzjoni formali (mill-edukazzjoni bikrija tat-tfal sal-livell terzjarju inkluż l-edukazzjoni vokazzjonali formali);
- tal-operazzjonijiet li jikkonċernaw it-taħriġ tal-persuni qiegħda rreġistrati, il-persuni li qed ifittxu impjeg jew il-persuni inattivi;
- tal-operazzjonijiet li jikkonċernaw it-taħriġ tal-persuni impjegati, u
- tal-operazzjonijiet li jikkonċernaw l-ġhotti tas-servizzi ta' konsulenza relatati mal-impjeg lill-persuni qiegħda rreġistrati, il-persuni li qed ifittxu impjeg jew il-persuni inattivi;
- tal-operazzjonijiet li jikkonċernaw is-servizzi tal-kura fid-djar u s-servizzi ta' kura matul il-jum ibbażata fil-komunità, u
- tal-operazzjonijiet li jipprovdu appoġġ lis-servizzi għall-vittmi tal-vjolenza domestika u lill-persuni mingħajr dar.

Barra minn hekk, jistabbilixxi valuri fil-livell tal-Unjoni għall-istess tipi ta' operazzjonijiet biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż ir-refuġjati u l-persuni li ħarbu mill-aggressjoni militari tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna.

Il-kostijiet unitarji u l-iskemi tal-FNLC stabbiliti f'dan l-Att Delegat jistgħu japplikaw ukoll fil-każ ta' operazzjonijiet appoġġati mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF, Just Transition Fund), meta dan il-Fond jipprovdi appoġġ abbażi ta' dawn it-tipi ta' operazzjonijiet skont il-punti minn (k) sa (m) tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta², u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), meta dan il-Fond jipprovdi appoġġ abbażi tar-regoli eleġibbli tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) f'konformità mal-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060.

Ir-rimborż abbażi ta' ammonti stabbiliti f'dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għall-konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali relatata mal-implimentazzjoni tiegħu, inkluż ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat u dwar l-akkwist pubbliku.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-paragrafu 4 tal-Fehim Komuni bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Atti Delegati, saru konsultazzjonijiet xierqa u trasparenti dwar dan l-att delegat, fosthom fil-livell tal-esperti.

It-tnejn ta' dan l-att delegat fil-biċċa l-kbira kienet ibbażata fuq il-kostijiet unitarji għall-istess tipi ta' operazzjonijiet stabbiliti għall-Istati Membri kollha għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, kif definit fl-aħħar emenda tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2195³, u fuq l-istudju "Simplified cost options and Financing not linked to costs in the area of social inclusion and youth". Id-definizzjoni tal-kostijiet unitarji u tal-ammonti tagħhom stabbiliti f'dan l-att delegat hija msejsa fuq metodi li jqisu d-*data* dwar il-kostijiet storiċi mogħtija mill-Istati Membri u l-estrapolazzjoni, kif ukoll id-*data* miksuba minn Eurostat. L-ammonti jqisu l-ħtiġijiet differenti u l-karatteristiċi partikolari ta' reġjuni u

² ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1–20

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/702 tal-10 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2195 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew, fir-rigward tad-definizzjoni tal-iskali standard ta' spejjeż għal kull unità u s-somom f'daqqa għal rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri (ĠU L 148, 30.4.2021, p. 1–149)

operazzjonijiet differenti. L-ammonti stabbiliti għar-rimborż abbażi tal-FNLC ġew stabbiliti abbażi ta' informazzjoni oġġettiva oħra.

Il-partijiet kollha tal-att delegat ġew soġġetti għall-konsultazzjoni tal-esperti mill-Istati Membri. L-ewwel verżjoni tal-att delegat ġiet ippreżentata u diskussa ma' esperti mill-Istati Membri kollha fis-26 ta' April 2023. Il-Parlament Ewropew ġie infurmat bil-konsultazzjonijiet.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Għall-finijiet ta' rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri abbażi tal-kostijiet unitarji, tas-somom f'daqqa, tar-rati fissi, u tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet definiti mill-Kummissjoni, l-Artikoli 94 u 95 tar-Regolament (UE) 2021/1060 jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati fir-rigward tad-definizzjoni fil-livell tal-Unjoni tal-iskali standard tal-kostijiet unitarji, tas-somom f'daqqa, tar-rati fissi, tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet, tal-ammonti tagħhom u l-metodi biex dawn jiġu aġġustati, kif ukoll il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati jew ir-riżultati li jridu jinkisbu.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 7.7.2023

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-definizzjoni ta' kostijiet unitarji, somom f'daqqa, rati fissi u finanzjament mhux marbut mal-kostijiet għar-rimborż tan-nefqa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Vizi⁴, u b'mod partikolari l-Artikoli 94(4) u 95(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Bl-għan li jiġi ssimplifikat l-użu tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), kif ukoll li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji, jixraq li jiġu definiti ċerti kostijiet unitarji u li jiġu stabbiliti ammonti tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet disponibbli għar-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi. Skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2021/1060, dawk il-kostijiet unitarji u l-ammonti tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jistgħu jintużaw għal operazzjonijiet eliġibbli taħt l-FSE+ u appoġġati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.
- (2) Il-kostijiet unitarji għar-rimborż lill-Istati Membri ġew stabbiliti abbażi ta' metodu ta' kalkolu ġust, ekwu u verifikabbli bbażat fuq *data* storika jew tal-istatistika, kif imsemmi fl-Artikolu 94(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/1060.
- (3) Waqt l-istabbiliment tal-ammonti tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet, il-Kummissjoni osservat il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari l-prinċipju li r-riżorsi użati jkunu xierqa għall-investimenti mwettqa.
- (4) Filwaqt li jitqiesu l-isforzi addizzjonali meħtieġa biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi r-refuġjati u l-persuni li ħarbu mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kostijiet unitarji speċifiċi għat-tipi ta' operazzjonijiet rilevanti.
- (5) Is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni formali, tat-taħriġ tal-impjegati, tat-taħriġ tal-persuni qiegħda rreġistrati, tal-persuni li qed ifittxu impjieg jew tal-persuni inattivi, kif ukoll tas-servizzi ta' konsulenza relatati mal-impjieg, se tikkontribwixxi wkoll għas-suċċess tal-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Filiet.

⁴ ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.

- (6) Filwaqt li jiġu affermati mill-ġdid l-impenji skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁵ bil-mira ewlenija tal-Unjoni l-ġdida għall-2030 dwar il-faqar u l-inklużjoni soċjali, jixraq li jiġu ffaċilitati u jinħolqu inċentivi għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet li jgħinu fit-tnaqqis tal-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali. Għalhekk, l-għażliet ta' kostijiet issimplifikati u l-iskemi tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jenħtieġ li jiġu ddefiniti għall-operazzjonijiet li joffru servizzi tal-kura fid-dar u bbażata fil-komunità kif ukoll għall-operazzjonijiet li jipprovdu servizzi residenzjali u mhux residenzjali għall-vittmi tal-vjolenza domestika u l-persuni mingħajr dar għal żmien qasir jew fit-tul.
- (7) Għal dawn it-tipi ta' operazzjonijiet ikkonċernati jeżistu differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-livell tal-kostijiet. F'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li l-ammonti stabbiliti mill-Kummissjoni jirriflettu l-ispeċifità ta' kull Stat Membru.
- (8) Sabiex jiġi żgurat li l-kostijiet unitarji jibqgħu indikatur xieraq għall-kostijiet li jiġġarrbu realment u li l-ammonti għall-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jibqgħu adegwati għall-investiment imwettaq matul il-perjodu ta' programmazzjoni, ġie previst metodu xieraq ta' aġġustament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-operazzjonijiet tal-FSE+ u tal-JTF abbażi tal-kostijiet unitarji u tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet, fosthom it-tipi ta' operazzjonijiet li huma koperti u r-riżultati li jeħtieġ jinkisbu jew il-kundizzjonijiet li jeħtieġ jiġu ssodisfati, l-ammont ta' dan ir-rimborż u l-metodu biex dak l-ammont jiġi aġġustat huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2
Nefqa eliġibbli

L-ammonti kkalkulati abbażi ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu bħala nefqa eliġibbli għall-fini tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1060.

Artikolu 3
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁵ [Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali \(europa.eu\)](https://european-council.europa.eu/media/e300042c-327d-47e7-992d-e60100000000/attachment_data/file/432671)

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7.7.2023

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN